## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA, SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. ETIENNE MIZZI (KI. 45900L)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**30/04/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti  li nħarġu kontra l-imputat:

Lil Etienne Mizzi — Bin Natasha Mizzi mwieled 20/01/2000 Pieta'
u joqghod West Gate Court, Fl 1, Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia
ID: 45900L

**BILLI inti akkuzat/a** talli fit-30/10/2022 ghal-habta ta' 11:00 hrs, gewwa Triq il-Kosta, Naxxar, soqt il-vettura bin-nurmru tar-registrazzjoni KBC 278;

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza **Sec. 15(1)(a)(3), Chap. 65**
2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, ghal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan **Sec 15(1)(a)(3), Chap. 65**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' SEO 227 Juan Mizzi (*affidavit*), Kenneth Pace (*affidavit*) u ta' Stephen Cachia għan-nom ta' Transport Malta (*affidavit*).

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Ammissjoni*

1. L-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha.

*Deċiżjoni*

**Fid-dawl ta' din l-ammissjoni inkondizzjonata, l-Qorti wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja), l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan) issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah iħallas multa fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500) liema multa tista' titħallas f'ħamsa u għoxrin pagamenti mensili u ugwali. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u sittax-il jum.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**